MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Numru 55/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**V**

**SANDRO SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SANDRO SPITERI** ta' sitta w ghoxrin sena bin Joseph u Mary nee Buttigieg, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 1977 u residenti Block G, Flat 4, Ta' Ganza Housing Estate, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 145577M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn l-erbgha ta' Frar, 2001 u s-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

a. Fiz-Zejtun ikkommetta serq ta' oggetti u cioe` radios tal-karozzi, ikkwalifikat bil-hin, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Carmelo Abela miz-Zejtun, u/jew persuni ohra;
b. Kif ukoll fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi fiz-Zejtun, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe` radio tal-karozzi, equalizer kif ukoll zewg amplifiers ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Lawrence Darmanin miz-Zejtun;
c. Kif ukoll fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, waqt li konf t'Wied il-Ghajn, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe` radio tal-karozzi u affarijiet ohra ikkwalifikat bil- hin, bin-natura tal-haga misruqa kif ukoll bil-mezz ghad-detriment ta' persuni ta' identita` mhux maghrufa;
d. Kif ukoll fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, waqt li kien hdejn il-bajja ta' San Tumas, fiz-Zejtun, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe` basktijiet b'diversi affarijiet fihom liema serq sar ghad-detriment ta' persuni ta' identita` mhux maghrufa;
e. Kif ukoll fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, waqt li kien f'San Giljan ikkommetta serq ta' oggetti u cioe` mobile phones liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u sar ghad-detriment ta' persuni ta' identita` mhux maghrufa.

Kif ukoll fl-istess perjodu u cirkostanzi, fiz-Zejtun, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` serq ta' radio ta' karozzi, ikkwalifikat bil-hin kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' persuna ta' identita` mhux maghrufa, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta w ghoxrin ta' Frar, 2004 esibit a fol 6 tal-atti odjerni markat bhala dokument CSH 1 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara, kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-erbatax ta' April, 2004, li m'ghandhux

oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil imputat jirregistra **ammissjoni ghall-akkuzi kollha** kif addebitati fil-konfront tieghu u dan fis-seduta tal-erbatax ta' April, 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati ta' dawn l-istess akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati ta' dawn l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat registrata fl-ewwel opportunita` moghtija lilu u cioe` mal-prezentata nhar l-erbatax ta' April, 2004 kif jirrizulta mill-atti a fol 5 u b'hekk ma nhela l-ebda hin prezzjuz tal-Qorti u fondi pubblici;
2. Il-koperazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni u cioe` sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe` mill-mument meta irrilaxxja iz-zewg starrijiet tieghu nhar il-hdax ta' Jannar, 2004, dokument CB 2 u nhar l-erbgha ta' Frar, 2001 dokument CB 1 kif jirrizulta mill-ezami ta' dawn l-istess dokumenti u dak li vverbalizza l-Ufficjal Prosekutur fl-ewwel seduta mizmuma nhar l-erbatax ta' April, 2004;
3. Il-fatt illi hafna mir-reati mghotija lill-imputat gew ippruvati bil-konfessjoni tal-istess imputat maghmula a tempo vergine tal-investigazzjoni mizmuma mill-Pulizija Investigattiva;
4. Il-fedina penali tal-imputat fejn fiha hemm registrat hames convictions pero' l-imputat dejjem inghata mill-Qrati probations minghajr is-supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation.

Illi dawn il-fatturi fuq identifikati jimmeritaw favur mitigazzjoni fil-piena fis-sens illi l-Qorti ghandha tkun klementi mieghu bl-applikazzjoni tal-piena. Mill-banda l-ohra pero l-Qorti ma thossx illi ghandha titratta mal-imputat daqs li kieku kien "a first time offender" u dan in vista tal-fedina penali tieghu u ghalhekk hija tal-fehema kif f'dawn ic-cirkostanzi ghandha tapplika piena karcerarja sospiza fil-massimu taghha sabiex ikollha effett ta' mannara imdendla fuq ras l-imputat li f'kaz li jizbalja fil-perjodu opertattiv taghha l-imputat jigi mibghut il-habs.

Il-Qorti innotat illi l-imputat ghad ghandu sitta w ghoxrin sena u ga qabad il-hajja tal-kriminalita` u ghalhekk thoss li huwa mehtieg in-nomina ta' Ufficjal tal-Probation sabiex jaghmel supervizjoni fuq l-imputat matul il-perjodu operttiv tas-sentenza sospiza u dan bl-isperanza li l-imputat jitqieghed fit-triq it-tajba u jgib ruhu ta' cittadin civili fis-socjeta` li taghha jifforma parti.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 18, 41, 261(b) (c) (f) (g), 263, 267, 278, 279, 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat SANDRO SPITERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah b'mod komplessiv ghal piena karcerarja ta' sentejn liema perjodu ta' prigunerija qed tigi sospiz ghall-zmien ta' erbgha snin mill-llum ai termini tal-artikolu 28 A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti pero' b'zieda mal-piena mghotija skond l-artikolu 28 A (1) fuq imsemmi qed taghmel ordni ta' supervizjoni ai termini tal-artikolu 28 G (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi qed tpoggi lill-hati taht is-supervizjoni ta' Ufficjal sorveljanti ghall-perjodu kollu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti qed tinnomina ai fini tal-artikolu 28 G (2) u cioe` bhala l-Ufficjal sorveljanti tal-persuna misjuba hatja f'din is-sentenza lill-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon u tordna lill-hati izomm kuntatt**

**regolari mal-Ufficjal sorveljanti tul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Il-hati ghandu jingieb quddiem il-Qorti darba kull sitt xhur mill-Ufficjal sorveljanti u dan sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li tara l-progress li l-istess hati jkun qed jaghmel.**

**Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficjal sorveljanti Marietta Lanzon.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------